KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 20

L-għoxrin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 27 ta' Jannar 2014 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **SKUŻAT** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Performance Appraisal tal-Haddiema tal-Kunsill*
6. *Tismija tat-toroq*
7. *Memo dwar Manutenzjoni tad-Dwal tat-Toroq*
8. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aġġornament*

*Is-Sindku informa li l-Kunsilliera L. Cassar xtaqet li tinbidel id-data tal-laqgħa tal-Kunsill minħabba li kellha konferenza importanti. Is-Sindku informa li la darba ttieħdet deċiżjoni tal-Kunsill li s-seduti jibdew ikunu l-aħħar ġimgħa tax-xahar jew it-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa jew il-Ħamis rispettivament il-ġurnata ma setgħtex tinbiddel. Is-Sindku min-naħa l-oħra informa li din tapplika għal kulħadd u m'għandux isir tibdil la darba ġew stabbiliti l-ġranet għal raġuni jew oħra.*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 17_11/12/2013.

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 4.1 dwar il-fuljett tal-Kunsill. Irrimarka li l-karta ma kinitx riċiklata. Kien hemm qbil li ssir korrezzjoni fil-kelma 'karta riċiklata' u tinqara 'karta FSE'. *Korezzjonjiet*

*1.3 Is-Sindku informa li kien għadu kif irċieva messaġġ mill-Kunsillier P. Portelli li ġejjin rappreżentanti minn tal-Arts Festival biex issir evalwazzjoni tal-attivita tas-sena l-ohra u ssir deċiżjoni jekk hux se ssir dan is-Sajf. Il-Kunsill qabel li din m'ghandix issir waqt din is-seduta għaliex ma kinitx fuq l-agenda.*

1.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall punt 5.1 u qalet li l-bidu tal-frażi trid tinqara 'fit-tarf ta' Stella Maris'

1.5 Is-Sindku ippropona li jiġu approvati dawn il-minuti 17_11/12/2013, Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 17_11/12/2013*

1.6 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 18_7/01/2014.

1.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat li fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2014 kienet preżenti u mhux skużata. Saret korezzjoni. Saret korrezzjoni ukoll li Stefania Friggieri A. Principal ma kinitx preżenti għal din is-seduta.

1.8 Is-Sindku ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li jiġu approvati l-minuti. *Approvazzjoni tal-minuti 18_7/01/2014*

1.9 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 19_21/01/2014.

1.10 Saret korrezzjoni Stefania Friggieri A. Principal ma kinitx preżenti.

1.11 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti 19_21/01/2014. Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti għall-approvazzjoni. *Approvazzjoni 19_21/01/2014*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 2.1 dwar Ġnien Bonello Dupuis. Il-Kunsillier J. Pillow irid jorganizza laqgħa dwar il-Funding. *Ġnien Bonello Dupuis*

2.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għal punt 2.2 dwar 'Tourism Board'. Is-Sindku informa li l-Bord qiegħed jiġi fformolat li fih se jkun rappreżentant hu stess, se jkun hemm rappreżentanti mill-att kummerċjali. Hemm il-ħsieb li dan jibda jopera mis-Sajf. Il-Kunsilliera jistgħu jibgħatu ideat għal kif tista tidher Tas-Sliema aħjar permezz ta' punti fuq email, fi żmien ġimgħa. Se jkunu involuti wkoll CSD U MTA. Dan il-bord se jimxi skont il-proposti tagħna u tal-Gvern Ċentrali. *Tourism Board*